# KAPPELLA BIŻANTINA GĦALL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ FIL-BELT VICTORIA

*minn Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet*



Dalwaqt jibda x-xogħol għall-kostruzjoni ta' kappella ġdida li se tkun annessa mal-Bażilika ta' San Ġorġ. Il-pedamenti diġa' tqegħdu. Din il-kappella ser tinbena waqt li qed isir xogħol kbir ta' tibdil fil-binjiet li diġa' jeżistu madwar il-knisja u ta' bini li jinkludi dar residenzjali għas-saċerdoti li jkunu jistgħu jkunu ta' servizz fil-Parroċċa, swali li jistgħu jintużaw għal ħidmiet diversi, spazji ġodda għall-amministrazzjoni, sagristiji u "stores", u neċessitajiet oħra li tirrikjedi Parroċċa popolari u ħajja bħalma hi dik ta' San Ġorġ fil-qalba tal-gżira u l-belt tagħna. Dan ix-xogħol kollu qed isir b'għaqal u sensibilita' kbira għall-ħtiġijiet pastorali u d-diversi dimensjonijiet kulturali tal-Parroċċa.

Il-pjanterren kollu fejn qed isiru dawn il-modifikazzjonijiet u fejn qed isir il-bini msemmi se jkun fih elementi ta' diversi perjodi arkitettoniċi.

Is-sagristija l-ġdida hi dekorata skond l-istil Barokk li hu tant popolari fost il-Maltin u l-Għawdxin. L-għamara tas-sagistija kienet saret fl-ewwel deċenni tas-seklu 20. Daqs ħamsa u għoxrin sena ilu din l-għamara kienet ġiet imnaqqsa u adattata għal tibdiliet arkitettoniċi li kienu saru. Sentejn ilu nqalgħet kollha kemm hi minn fejn kienet u ttieħdet fis-sala l-kbira (konna nsejħulha "l-Oratorju') fejn tinsab illum u b'hekk reġgħet ingħaqdet sostanzjalment kif kienet oriġinarjament, bin-niċċa ċentrali ta' San Ġużepp, Patrun tal-Knisja Universali. Ix-xogħol ta' l-injam ġie restawrat mill-imgħallem Ġużeppi Grech mgħejjun min ħuh Baskal. Id-disinn tad-dekorazzjoni tas-Sagristija sar mill-pittur u disinjatur Pawlu Camilleri Cauchi li qed ipitter ukoll it-tliet kwadri tiegħu, waqt li x-xogħol tal-pasta nħadem minn Anthony Xuereb u l-indoratura mill-imgħallem Mario Camilleri Cauchi, hu d-disinjatur.

L-awla fejn qabel kienet is-sagristija, imtellgħa fil-bidu tas-seklu l-ieħor mill-magħruf Mons. Giuseppe Farrugia (Tal-Vers), baqgħet sostanzjalment kif kienet. Tneħħew biss l-erba' twieqi tal-ġnub li kienu jħallu ftit li xejn dawl. Tnejn oħra ingħalqu wkoll biex flokhom infetħet loġġa kbira li tagħti għall-kjostru. Barra minn hekk, fuq l-istess qisien ta' żewġ bibien eżistenti, ġew disinjati tnejn oħra biex ikunu pariġġhom: wieħed li jagħti għall-uffiċċju l-ġdid ta' l-Arċipriet, u ieħor, biswitu, li sar biss biex ikun hemm simmetrija ma' l-oħrajn. Dawn il-bibien saritilhom bordura f'irħam sabiħ ġentilment mogħti mis-Sur Salvu Ellis ta' A.F.Ellis Co. Ltd (Marble Works). Is-saqaf, li qabel kien magħmul mix-xorok ingastati fit-travi tal-ħadid u li kien sar perikolanti, inbidel f'wieħed tal-konkos bi spejjeż kbar għall-Parroċċa, u isse qed ikun dekorat bil-pasta u d-deheb fuq stil Barokk mill-imgħallem Ġużeppi Sagona b'donazzjoni tal-mibki benefattur Feliċ Attard.

Diġa' semmejna l-kjostru, ċkejken, verament, imma ħelu, li tfassal u nbena fuq stil Romanesk. Dan il-kjostru hu importanti ħafna għax minnu jieħu d-dawl iċ-Ċentru Parrokkjali kollu. Dan il-kjostru ġie integrat fiċ-Ċentru Parrokkjali mill-perit tagħna s-Sur Salvu Micallef u ġie disinjat mid-disinjatur is-Sur Vince Centorrino. Fuqu, biex jagħlaq is-sular ta' fuq mill-elementi, b'kuntrast pjaċevoli, se jitilgħu erba' 'ġitan' tal-ħġieġ fuq stil kontemporanju. Waqt li l-parti t'isfel tkun pertinenti għas-sagristiji u l-awla ċentrali, il-parti ta' fuq tkun tagħmel parti mid-Dar tal-Parroċċa.

Binja oħra importanti fil-pjanterren se tkun dik tal-kappella l-ġdida li se ssir biex tospita lis-Santissimu Sagrament. Din se ssir fl-istil Biżantin.

Il-Bażilika ta' San Ġorġ kif nafuha llum issawret fuq medda ta' madwar 350 sena. Skond Agius de Soldanis id-disinn tagħha kien għamlu l-magħruf arkitett Malti Vittorio Cassar. Il-pjanta hija magħmula fl-istil arkitettoniku tar-Rinaxximent tas-seklu 16 iżda maż-żmien żdiedu miegħu l-elementi arkitettoniċi tan-Neoklassiku u elementi dekorattivi ispirati mill-Barokk tardiv. Il-faċċata, mill-bażijiet tas-seklu 17 'il fuq (li huma mtellgħa fuq ġebel kbir tal-perjodu Ruman), kienet reġgħet inbniet fil-bidu tas-seklu 19 fl-istil Neo-Klassiku tipiku tas-seklu 18. F'Għawdex kollox jasal b'xi mitt sena tard!

Minkejja dil-preżenza ta' din id-diversita' ta' elementi, kull min jidħol f'din il-knisja jibqa' milqut mill-unita' arkitettonika u l-armonija dekorattiva tagħha. Wara kollox l-għaqda ta' diversi stili fl-istess binja mhix xi

ikompli f'paġna 6

*jaqbad minn paġna 3*

## KAPPELLA BIŻANTINA GĦALL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ FIL-BELT VICTORIA

karatteristika ta' San Ġorġ biss, imma ta' għadd ta' knejjes oħra wkoll. F'Ruma hemm diversi knejjes monumentali li fihom wieħed jista' jilmaħ il-passaġġ ta' l-istorja arkitettonika kollha mill-perjodu Klassiku sallum. Dan il-passaġġ ta' rikkezza arkitettonika jitkellem għar-rikkezza spiritwali u kulturali tal-Knisja.

L-għaqda ta' stili arkitettoniċi diversi fl-istess binja turi wkoll il-vitalita' u l-ħajja kostanti tagħha. M'għandna qatt nistennew jew neżiġu li binja fi stil arkitettoniku wieħed jew f'diversi stili stabbiliti għandha neċessarjament tibqa' kif sibniha, jew tiżdied sempliċement b'elementi arkitettoniċi jew dekorattivi ripetuti.

San Ġorġ hi knisja ħajja, li qed tieħu n-nifs illum u hi entużjasta b'viżjoni li tixrob mill-kultura ta' żmienna waqt li tantiċipa l-ħtiġijiet ekkleżjali tal-ġejjieni. Hu f'dan il-kuntest li wieħed għandu jifhem il-kappella ġdida li se ntellgħu fl-istil Biżantin. Li din il-kappella jkollha sura Biżantina hu ġustifikat kemm mill-konvinzjoni li l-epoka Biżantina hi parti mill-istorja tal-Knisja f'Għawdex, u b'mod partikolari mill-istorja tal-parroċċa ta' San Ġorġ, kif ukoll mix-xewqa li fil-kumpless parrokkjali ta' San Ġorġ ikollna sinjal tal-Knisja tal-ġejjieni, meta ż-żewġ pulmuni tal-lvant u l-punent għad jaħdmu flimkien biex jagħtu n-nifs wieħed lill-Knisja waħda - Biżantina u Rumana - ta' Kristu.

Barra minn hekk il-bżonn li jkollna kappella speċjali għas-Santissimu Sagrament ilu jinħass fil-Parroċċa tagħna. Is-Sagrament ilu jiġri minn post għal ieħor għal dawn l-aħħar 50 sena, sa minn meta kien jinżamm fl-altar maġġur, imbagħad ittieħed f'dak ta' l-Erwieħ, issa jinsab fl-altar ta' Ġesù u Marija, kull nhar ta' Ħadd jittieħed fl-altar tal-Kor u fil-festa, jew skond l-okkażjoni neħduh fl-altar tal-Kurċifiss. Il-kappella l-ġdida trid taqdi l-eżiġenza attwali ta' post li fih tinħass aktar mill-qrib il-preżenza sagramentali ta' Alla. Bħalissa s-Sagrament qed jinżamm f'kappella li hi wkoll passaġġ. Fil-kappella l-ġdida jkun hemm aktar lok għall-ġabra, adorazzjoni u talb.

Il-pjanta tal-kappella Biżantina saret mid-disinjatur Vince Centorrino f'konsultazzjoni teoloġika u pastorali ma' diversi esperti fil-qasam u f'konsultazzjoni professjonali mal-perit Salvu Micallef. Il-mudell bażiku tal-pjanta hu dak tradizzjonali tal-ħuta, simbolu ta' Kristu u l-qisien tagħha huma rigorożament skond il-kanoni arkitettoniċi tal-knejjes Biżantini.

Il-kappella se timbena wkoll skond il-kobor li tippermetti l-bażilika hekk li tkun proporzjonata mal-kobor tal-kappelli diġa' eżistenti. Se jkollha aċċess separat mill-bażilika, imma se jkollha wkoll aċċess dirett għall-bażilika u dan se jsir b'mod li ma jintmess u ma jinbidel xejn mill-arkitettura eżistenti.

Permezz ta' din il-kappella, f'Għawdex ħa jkollna preżenza u rappreżentanza tal-kult Nisrani orjentali. Se jkollna post li jfakkarna li minbarra l-Kristjaneżmu tal-punent hemm ukoll dak tal-lvant.. Dan il-post se jfakkarna wkoll, bla ma jħallina ninsew, fil-ħtieġa li nitolbu sabiex l-Insara kollha oċċidentali u orjentali għad xi darba nkunu tabilħaqq "ħaġa waħda fi Kristu".

L-intenzjoni hi li din il-kappella Biżantina għas-Santissimu Sagrament tiġi mbierka u nawgurata fl-okkażjoni tal-festi ċentenarji ta' San Ġorġ fis-sena 2003. ■

Radju "LEĦEN IL-BELT VICTORIA" 104 FM Stereo